***Worksheet* Ċ6.3.3**
Niktbu storja ta' prodott li spiċċa bla użu u b'hekk inħoloq skart għalxejn.

**Għall-interess tagħna:**
*Meta niġu biex noħolqu stejjer bħal dawn, irridu nħaddmu ħafna l-immaġinazzjoni tagħna. Għalkemm l-istejjer ma jkunux veri dawn dejjem irid ikollhom tagħlima għal min jaqrahom. Dawn li ġejjin huma biss xi ideat għal min iħossu ma jafx minn fejn se jaqbad jibda*!

1. Immaġina li inti karozza tal-ġugarelli taħdem bil-batteriji li nxtrajt bħala rigal f'għeluq snin tifel żgħir. Għall-ewwel tgħidx kemm feraħ  bik; sett batteriji beda jaħlihom f'nofstanhar. Il-ġenituri ddeċidew li jixtru batteriji *rechargeable*. Għalkemm iqumu iktar dawn setgħu iservu aktar għax jerġgħu jiċċarġjaw ruħhom. It-tifel ma kellux paċenzja jistenna l-batteriji jiċċarġjaw allura reġa' xtara batteriji normali. Wara ġimgħa t-tifel xeba' minnek u remiek~~ħa~~ għax ma bqajtx taħdem sew. **Tagħlima**: Ara kemm inħoloq skart (anki tossiku) u nħliet enerġija elettrika b'ġugarell bħal dan!

2. Storja ta' flixkun tal-plastik: Waħda tifla xtrat flixkun tal-ilma biex tieħdu magħha għal ħarġa fil-kampanja.  Din ma kienx jimpurtaha wisq mill-ambjent u remiet il-flixkun mal-art hekk kif xorbot l-ilma ta' ġo fih. Il-flixkun tkaxkar max-xita għal ġol-wied u għadu hemm sal-lum imwaħħal bejn żewġ ġebliet,  ikerrah il-kampanja Maltija.
   **Tagħlima**: Qatt m'għandna narmu mal-art. Meta nkunu fil-kampanja m'għandniex inħallu skart warajna. Li kieku l-flixkun intrema fil-*bring-in-site* kien jiġi rriċiklat u ma kienx ikerrah l-ambjent.